# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



JANNAR 2001 • L-GĦOXRIN SENA • GĦADD 206 • NEWSPAPER POST

## *L-1 ta' Jannar: Festa ta'*
# MARIJA OMM ALLA

# Werrej...


EDITORJAL 3
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

RIFLESSJONI U AZZJONI 4
Teleskopju fuq il-Ħajja
*minn P. William Axiaq ofm cap*

BIBBJA 6
Theotokos - Marija Omm Alla
*minn P. Donat Spiteri ofm cap*






KENJA 10
Masġar għat-Tagħmir
*minn P. Hilary Abela ofm cap*

L-EVANĠELJU TA' S. MATTEW 12
Introduzzjoni għall-Evanġelju
*minn P. Martin Micallef ofm cap*

KULTURA FRANĠISKANA 14
San Franġisk fl-Arti
*minn P. Martin Micallef ofm cap*





OFS 16
Il-Ferħ tal-Franġiskan Sekular
*minn P. Frans Abela Giusti ofm cap*

ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI 18
Flimkien nagħmlu differenza kbira!
*minn Melchior Pace gi.fra.*

IT-TWEĠIBA 19
*minn P. William Axiaq ofm cap*

KUBA 20
Il-Knisja f'Kuba matul is-Seklu XX
*minn P. Philip Cutajar ofm cap*





AĦBARIJIET KAPUĊĊINI 22

INTERVISTA 23
Nitkellmu ma' P. Joe Garzia OFMCap
*minn Bro. Andrè Azzopardi ofm cap*

NOVELLA 24
*Ċikkulata* fid-Dgħajsa ta' Ġesù
*minn Mary Haber OFS*

IT-TISLIBA 26
*minn P. Wistin Attard ofm cap*

POEŻIJA 26
Lill-Missjunarju
*mill-Kan. Nikol Vella Apap*

VOKAZZJONIJIET 27
Tixtieq tinnamra miegħu?
*minn P. Joe Giuliano ofm cap*



DAWL FRANĠISKAN

**JANNAR 2001**
**L-20 sena**
**Għadd 206**




**Qoxra 1:**
***Il-Madonna u t-Tarbija Ġesù.***
***Fra Angelico***
***(1387 - 1455)***
***Gallerija Nazzjonali - Perużja.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Noel Pace
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Keith Spiteri gi.fra.



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**ARTWORK:**
IMAGE 2000 Ltd, Fgura
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

# EDITORJAL

minn
P. Joe ALESSANDRO ofm cap

## Int, x'ħamiema int?

Il-Knisja u l-kunvent tagħna tal-Kapuċċini fil-Furjana jkollna ħafna viżitaturi: nies li jiġu għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġici, koppji li jiġu biex jiċċelebraw is-sagrament taż-żwieġ tagħhom, midinbin li jiġu biex jerġgħu jakkwistaw il-paċi f'qalbom permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, nies imtaqqlin li jiġu biex jifthu qalbhom u jsibu l-mistrieħ, oħrajn li jiġu għal xi ħtieġa materjali, xi wħud biex iżuru l-kannierja ta' taħt il-knisja u l-mużew, u ma jonqsux dawk li jfittxu l-kenn tal-pjazza quddiem il-knisja biex jipparkjaw il-karozza tagħhom. Kulħadd jiġi għal xi bżonn. Ma' dawn il-viżitaturi kollha, għandna viżitaturi speċjali li jiġu bl-ajru u jillandjaw jew fuq in-naħa ta' wara tal-kunvent, jew quddiem il-knisja jew mal-faċċata tagħha. Qed nirreferi għall-ħamiem, li mhux nieqes fil-Furjana.

Hawn min iħares lejn dan il-ħamiem bħala ħlejjaq tal-Mulej u allura jipprovdilhom xi biċċa ħobż niexfa jew frak ta' ikel ieħor, u hawn min iħares lejhom bħala salib li jġibu l-ħmieġ.

Fil-Bibbja, il-ħamiema hija rappreżentata bħala messaġġiera ta' paċi. Illum il-ġurnata, anki fid-dinja konsumista, jippreżentaw il-ħamiema bħala sinjal ta' mħabba, fuq il-kartolini, fuq il-ħelu, fuq liżjin u fuq ornamenti li jintlibsu jew li żżejjen bihom. Min-naħa l-oħra, mhux l-ewwel darba li smajna b'polemiki fuq il-problema li joħolqu kwantità ta' ħamiem jew fl-ajruporti, jew fuq monumenti u pjazez storiċi. Jiddependi minn kif inħarsu lejn dawn il-kreaturi.

Ejjew għal mument wieħed nist-ħajluna anki aħna ħamiem. Jien x'ħamiema jien? Jien ħamiema li nwassal il-paċi jew li noħloq il-problemi? Naħseb li lkoll nixtiequ li kieku nkunu ħamiem messaġġiera ta' paċi. Imma kemm qed jirnexxilna?

L-ewwel tas-Sena huwa jum iddedikat għall-paċi. Tajjeb li fil-bidu ta' sena ġdida nfittxu li nkunu strumenti ta' paċi għal matul is-sena kollha.

It-tislima li nagħtu lil xulxin fl-ewwel tas-sena rridu nsarrfuha bil-fatti, ħalli l-kliem li ngħidu b'xufftejna jkun ħiereġ mill-fond ta' qalbna, u tassew inkunu nixtiequ 'l xulxin IS-SENA T-TAJBA.





# Teleskopju fuq il-Ħajja

minn P. William AXIAQ ofm cap

Ieqaf ftit mill-fixla tal-ħajja. Inġabar fik innifsek. Aqra bil-mod ir-riflessjonijiet li ġejjin. Qis x'jolqtok u agħmel id-deċiżjonijiet tiegħek f'atmosfera ta' talb ħerqan.

## 1 "BRICOLAGE"

Bnedmin ateji ma għadekx issibhom illum daqskemm kont issibhom dari. Ma naqasx is-sentiment tas-sagru u tar-reliġjuż, anzi, fi żmienna żdied. Hawn ħafna kotba fl-idejn fuq l-okkult u fuq reliġjonijiet mhux insara u kattoliċi. B'daqshekk, iżda,



ma għandniex għaliex nikkonslaw. Qegħdin jimbtu mentalitajiet ġodda li qegħdin ibiegħdu 'l-bniedem mis-sewwa u d-dritt.

Meta nirriflettu sew nintebħu li iżjed ma qiegħed jgħaddi ż-żmien, iżjed ir-reliġjon qiegħda ssir kontinwament soġġettiva. Ħafna qegħdin ifittxu li jgħixu r-reliġjon tagħhom bl-iżjed b'mod u manjiera emottivi. Iħossu li dawn l-emozzjonijiet personali kapaċi jtaffu l-ansjetà tagħhom u joffrulhom waqtiet ta' ferħ u feliċità.

Din il-mentalità soġġettiva nistgħu nisbruha f'espressjoni Maltija, bħal meta ngħidlek: "Inħalli f'idejk ... agħmel int. Dak li tħoss li għandek tagħmel, agħmlu". Il-Franċiżi qegħdin isejħu din il-mentalità *"bricolage"*.

Ir-reliġjon m'hiex kwistjoni ta' soġġettività - nagħmel dak li jaqbilli u jagħtini pjaċir, u nevita dak li jikkaġunali dwejjaq u jissikkani. Ir-reliġjon, iżjed u iżjed fejn tidħol il-morali, hi kwistjoni ta' oġġettività. Irridu nimxu fuq dak li jgħidilna Alla li ma jqarraq b'ħadd avolja dan jitlob sagrifiċċju, mhux fuq dak li jissuġġerilna l-egoiżmu magħġun magħna li kontinwament jingannana. Irridu nfasslu ħajjitna fuq it-tagħlim uffiċjali tal-Knisja, meta tkellimna f'isem Alla. Irridu nimxu fuq il-kuxjenza ffurmata sew tagħna li ma tridx tkun laxka, imħażżna u kapriċċjuża.

## 2 AKTAR ATTENZJONI FIL-POSTA

Fil-preżent hawn tgergir fuq xi ittri li jaslu bil-posta. Veru li dan l-aħħar qed issir l-enumerazzjoni mill-ġdid tad-djar ta' xi toroq u lokalitajiet, iżda huwa veru wkoll li minn ċerti *"post-men"* u *"post-women"* qegħdin isiru żbalji, li ħafna drabi jikkaġunaw l-inkwiet fil-familji. Qegħdin jitfgħu fil-*letter-box* ta' ħaddieħor ittri ta' persuni li lilhom tkun intbagħtitilhom l-ittra. Ġieli l-ittra jew l-ittri jaslu bi żball għand persuni li jkollhom l-istess kunjom ta' min suppost irċieva l-posta.

Issib persuni jew ġirien onesti u ta' l-affari tagħhom u jiġu jagħtu l-posta li tkun waslet għandhom bi żball. Issib oħrajn ta' l-istess triq jew inħawi bla edukazzjoni ta' xejn, li jindunaw li rċevew il-posta bi żball u xorta waħda jiftħu l-envelop jew l-ajrugramma. Dawn, għax kurjużi jew għax jgħiru għall-persuna li lilha tkun inbagħtet l-ittra jew biex jinkuha, l-ewwel jaqraw u mbagħad iqattgħu l-ittra b'vendikazzjoni.



F'din il-posta mogħtija lill-oħrajn bi żball ġieli jinzertaw envelops bil-*letter-heads* tal-gvern jew ta' banek b'ċekkijiet fihom. Meta dawn il-persuni diżonesti jiftħu l-envelop, bit-tustaġni kollha, jogħrku idejhom u jaraw kif jagħmlu biex isarrfu ċ-ċekk tal-pensjoni Maltija jew barranija tal-persuna intitolata għaliha. Jekk it-tir tagħhom ma jirnexxix, tarahom, qisu mhu qed jiġri xejn, iċarrtu ċ-ċekk b'disprezz.

Min iqassam l-ittri għandu jkun responsabbli. It-tqassim tal-posta hija biċċa xogħol ta' delikatezza kbira. Min jirċievi ittri u posta bi żball għandu jkun responsabbli wkoll u bl-imħabba kollha għandu jagħtihom lil min ikunu ntbagħtu u, jekk ma jkunx jaf min hi l-persuna jew il-familja li tkun, jieħu ftit paċenzja u jeħodhom il-posta tal-lokalità li tkun jew tad-distrett. Il-ġustizzja soċjali u l-karità nisranija hekk titlob minna.

## 3 MILL-*"LIPOSCULPTURE TECHNIQUE"* GĦAL RUĦNA

Dan l-aħħar ġie f'idejja *brochure* dwar metodu ġdid li jneħħi x-xaħam minn diversi partijiet ta' l-organiżmu uman b'loppju lokali jew ġenerali, skond il-każ li jkun. Din il-proċedura jew trattament hija iżjed sempliċi u ġentili mill-metodu li konna nafu bih ftit ilu magħruf bħala *liposuction*.

It-teknika *liposculpture* tiżgura lill-persuna li toqgħod għaliha li tneħħilha darba għal dejjem ix-xaħam mnejn titlob li jneħħulha. Din il-ħaġa żgur li ma jirnexxilhomx jagħmluhielha la d-dieta, la l-eżerċizzju ta' kuljum u lanqas l-aħħar *slimming sensation tablets*.

Persuni ffissati fuq is-sbuħija fiżika qed jaraw x'jagħmlu biex jinqdew b'din it-teknika ħalli jeħilsu mis-sonża li jġorru taħt il-ġilda f'diversi bnadi ta' ġisimhom. Għandhom seba' mitt sena sakemm jeħilsu minnha. It-teknika msemmija żgurissimu teħlishom minnha ħesrem, basta lesti biex iħallsu, kif issibhom lesti li jagħmlu.

Jien m'iniex kontra dak li l-*plastic surgery* waslet għalih. Is-sbuħija u s-saħħa fiżika għandhom il-valur tagħhom, basta ma nesaġerawx. Dak li nixtieq ngħid huwa dan: qegħdin nieħdu ħafna ħsieb ta' ġisimna, u ta' ruħna, forsi, m'aħniex nagħmlu hekk. Daqsxejn xaħam f'għonqna, f'wiċċna, f'qaddna u postijiet oħra jdejjaqna u ma rriduhx, u ċerti nuqqasijiet u dnubiet f'qalbna ma jdejquna xejn. Is-Salmista jgħid: "Smina bil-ħażen bħaxxaħam qalbhom" (S 119 [118], 70). Fl-Evanġelju mbagħad naqraw: "Għax il-qalb ta' dan il-poplu semnet" (Mt 13, 15).



Ġesù jgħidilna biex l-ewwel u qabel kollox infittxu l-valuri tas-Saltna ta' Alla u l-ġustizzja tiegħu , imbagħad il-ħwejjeġ l-oħra (Mt 6, 33). Int qed tagħmel hekk jew moħħok biss fil-kult ta' persuntek?

• Mulej, agħmel li jiena dejjem immexxi ħsibijieti, xewqati u għemili fuq il-liġi eterna tiegħek u mhux fuq il-kapriċċi tiegħi, li ħafna drabi jkunu għomja u vanitużi.

• Ġesù Sidi, agħmilni ġust u rett ma' kulħadd, kif irrid li kulħadd jagħmel l-isess miegħi.

• Sidi Ġesù, agħmel li nagħraf nitħabat l-iżjed għal dak li jibqa' għal dejjem u mhux għal dak li jintemm maż-żmien.

**Ibgħatulna BOLOL u TELECARDS użati. Int ma titlef xejn, u aħna naqilgħu minnhom għall-Missjoni.**

# THEOTOKOS
## Marija Omm Alla

*Il-festa ewlenija tal-knisja f'dan ix-xahar ta' Jannar hi dik ta' Marija taħt it-titlu kbir ta' "Omm Alla". B'din is-solennità fl-ewwel jiem tas-sena nibdew sena ġdida. Hekk jixraq. Kif għalaqna s-sena ta' qabel bit-tifkira tat-Twelid ta' Ġesù, hekk jixraq li nibdew is-sena bil-ħsieb ta' Ommu Marija. U billi Ġesù, l-Iben ta' Alla u Alla veru, hu l-Iben ta' Marija, nistqarru li Marija, "li minnha twieled Ġesù", hi tassew Omm Alla - **Theotòkos**, kif tissejjaħ bil-Grieg sa mill-eqdem żminijiet tal-Knisja. Għal din l-okkażjoni għandna l-pjaċir nippubblikaw parti ċkejkna mill-ktieb li għadu kif ħareġ Patri Donat Spiteri OFM Cap., fuq "Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni".*

*Ir-Redazzjoni*

*minn* ***P. Donat SPITERI*** *ofm cap*

Fid-dawl tar-rivelazzjoni li għandna fuq Ġesù Kristu nagħrfu li hu l-Bniedem-Alla, bniedem veru u Alla veru. Dan tfisser ir-rivelazzjoni tat-Testment il-Ġdid fuq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Il-Verb ħa l-ġisem minn Marija verġni bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu. Mela Marija ta' Nazaret hi ommu tassew, hi ommu mhux bħala bniedem biss, imma bħala l-Bniedem-Alla, kif tassew hu. Hi Omm Alla - *Theotókos.*

Dan hu t-titlu li bih il-Konċilju ta' Efesu, fis-sena 431, iddefinixxa l-maternità divina ta' Marija. Hi kelma magħmula minn żewġ kelmiet bil-Grieg (*Theos* = "Alla", u *tiktein* = "tiled"). Marija hija dik li tat it-twelid lill-Iben ta' Alla li tnissel fiha bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Hi omm Alla, għax Binha hu tassew Alla.



### Omm Alla

Il-Konċilju ta' Efesu wasal għal din id-definizzjoni bħala riżultat tal-kontroversja twila fuq dik li nsejħulha "l-unjoni ipostatika", l-għaqda taż-żewġ naturi, in-natura divina u n-natura umana, fil-persuna waħda tal-Verb divin. Din kienet aktar kwistjoni kristoloġika milli marjoloġika. Imma fiha kellha tidħol ukoll Marija li nisslet u welldet l-Iben ta' Alla li sar binha bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-kwistjoni qamet meta Nestorju, isqof ta' Kostantinopli, ħareġ bil-proposta li fi Kristu kien hemm l-għaqda taż-żewġ naturi, imma wkoll f'żewġ persuni, waħda ta' l-Iben ta' Alla u l-oħra ta' l-iben ta' Marija. Marija tat it-twelid lil binha li ngħaqad ħaġa waħda ma' l-Iben ta' Alla. Għalhekk Marija ma kinitx "Omm Alla" (*Theotókos*), iżda biss "Omm Kristu" (*Christotókos*). Din l-opinjoni ġiet ikkundannata mill-Konċilju ta' Efesu fuq it-tifsir ċar ta' San Ċirillu, isqof ta' Lixandra, l-avversarju qawwi ta' Nestorju.

"Ma kienx il-każ li l-ewwel twieled bniedem normali mill-Verġni mqaddsa u mbagħad wara niżel fuqu l-Verb: dak li aħna ngħidu hu li l-Verb, magħqud mal-ġisem sa mill-ġuf, twieled fil-ġisem u għamel tiegħu t-

twelid tal-ġisem ... Hekk Missirijiet il-Knisja bla dubju ta' xejn sejħu lill-Verġni Mqaddsa "Omm Alla" (*Theotókos*). Dan ma jfissirx li n-natura tal-Verb jew id-divinità tiegħu kellha l-bidu ta' l-eżistenza tagħha mill-Verġni mqaddsa, iżda jfisser li, billi l-ġisem imqaddes, ħaj bir-ruħ tal-bniedem, li l-Verb għaqqad miegħu nnifsu skond l-unjoni ipostatika (*kath' hypostasin*) twieled minnha, il-Verb twieled skond il-ġisem" (mit-Tieni Ittra ta' San Ċirillu lil Nestorju).



***Bartolomeo Caporali: Il-Madonna bit-tarbija Ġesù ma' l-anġlu.***

Il-Konċilju ta' Efesu aċċetta l-istqarrija ta' San Ċirillu, li kienet ilha magħrufa sa minn seklu qabel fil-Knisja bit-titlu *theotókos* mogħti lil Marija, u ddefinixxa: "Li l-Għimmanu-El hu tassew Alla u, għalhekk, il-Verġni mqaddsa hi tassew Omm Alla (*theotókos*), billi hi nisslet skond il-ġisem il-Verb ta' Alla li minnha ħa l-ġisem".

Dan hu t-tagħlim tal-Knisja fuq Ġesù Kristu u fuq Ommu Marija. Din hi l-fidi ta' l-insara ġenwini dejjem u kullimkien. Mhux biżżejjed ngħidu: "Marija hi omm Ġesù", jekk b'din l-istqarrija nifhmu biss li hi omm Ġesù l-bniedem. Irridu nifhmu li hi omm Ġesù, il-Bniedem-Alla. Għalhekk, għax Ġesù hu Alla - "il-Verb kien Alla" - Marija, li f'ġufha l-Verb tnissel u minnha twieled, hi tassew Omm Alla.

Tassew li ma nsibu mkien fil-Kotba Mqaddsa din l-istqarrija ċara li Marija hi Omm Alla. Insibuha indirettament fil-ħafna riferenzi li għandna fit-Testment il-Ġdid fuq id divinità ta' Ġesù Kristu. Dawn ukoll huma skarsi; f'ħafna testi sagri fuq Ġesù Kristu d-divinità tiegħu hi aktar impliċita milli espliċita. Imma minnhom bir-riflessjoni sinċiera mdawla mill fidi naslu għall-verità sħiħa fuq Ġesù Kristu, li hu bniedem veru u Alla veru.

Hekk ukoll mill-istess testi naslu biex nagħrfu li Marija hi Omm Alla, għax hi Omm Ġesù, li hu tassew Alla. Din hi affermazzjoni li toħroġ mit-testi li fihom ir-rivelazzjoni tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Fihom tinsab bħal f'żerriegħa l-verità sħiħa sew tad-divinità ta' Ġesù Kristu u sew tal-maternità divina ta' Marija. Fid-dawl tal-fidi minnhom noħorġu din il-verità sħiħa, li Marija hi omm l-Iben ta' Alla li minnha ħa l-ġisem u twieled bħala bniedem. Ir-raġuni wkoll, megħ-juna mill-fidi tasal biex iddawwalna xi ftit "kif jista' jkun dan" (Lq 1,34) - kif għamlu l-Għorrief tal-Knisja sa mill-ewwel sekli. "Għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir" (Lq 1,37).

## "Omm Il-Mulej"

Espressjoni waħda għandna li fiha forsi nistgħu naraw rivelazzjoni ċara tal-maternità divina ta' Marija. Hi t-titlu li tatha u bih sellmitilha Elizabetta: "Minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?" (Lq 1,43).




***Il-kliem bil-Grieg fl-irkejjen ta' fuq huma METER THEOU li jfissru OMM ALLA.***

"Omm il-Mulej tiegħi". Il-Kelma Griega *kyrios* tista' tfisser ukoll "sid". Fil-Malti tagħna għandna dawn iż-żewġ kelmiet li bihom nistgħu nittraduċu l-kelma *kyrios* skond is-sens li jista' jkollha fil-kontest tagħha. Li kellna ngħidu li Eliżabetta lil Marija qaltilha, "omm Sidi", konna nistgħu nifhmu li hi għarfitha bħala omm il-Messija.

Is-sens ta' "sid" (*kyrios*) b'riferenza għall-Messija nsibuh fis-Salm 110,1 (ara Mt 22, 41-46). Hemmhekk jittraduċi l-kelma ta' l-oriġinal Lhudi *'adonai*. Mill-kontest immedjat tar-rakkonti ta' l-Infanzja nistgħu nagħrfu li Luqa seta' fehem dan is-sens messjaniku wkoll għax, kif jidher, fehem juri li Ġesù kellu jiret "it-tron ta' David missieru" (Lq 1,32); kellu jkun bin David, jiġifieri, il-Messija. Jekk it-titlu, li bih Eliżabetta sellmet lil Marija, neħduh f'dan is-sens messjaniku nifhmuh li hi fehmet issellmilha bħala "omm il-Messija" jew "omm is-sultan messjaniku". Dan kien it-titlu magħruf - u kien titlu ta' ġieħ - ta' l-ommijiet tas-slaten ta' Ġuda fit-Testment il-Qadim (ara 1 Slat 2,19; 14, 21; u 15,2; eċċ). F'dan is-sens ukoll nistgħu nifhmu l-kliem ta' Eliżabetta.


*Marija Omm Alla għajn tal-ħajja: Ikona ta' Alexander Sokolov.*

Imma mbagħad għandna wkoll il-kontest ġenerali ta' Luqa. Fl-Evanġelju kollu Luqa jdaħħal il-kelma *kyrios* għal dsatax-il darba bħala t-titlu ta' Ġesù b'riferenza għas-sovranità u għas-setgħa divina tiegħu. Ma jsejjaħlux b'ismu, iżda bit-titlu ta' "il-Mulej" (7,13; 13,15; 12,41; fit-talb wkoll: 11,1). Kif nafu, meta kiteb Luqa, l-insara kienu ilhom isejħu 'l Ġesù, "il-Mulej", biex b'dan it-titlu kienu jfissru l-fidi tagħhom fih bħala Bniedem-Alla (Fil 2,11; 1 Kor 12,3; Atti 2,36). Niftakru li l-verżjoni Griega tas-Settwaġinta (LXX) bil-kelma *kyrios* tittraduċi wkoll l-isem adorabbli ta' Alla, *Jaħweh*, kif tittraduċi t-titlu *'Adonai*. Aħna fil-Malti għandna żewġ kelmiet differenti għal dawn iż-żewġ kelmiet: Mulej għal Jaħweh u Sid għal 'Adonaj (ara Salm 110,[109]). It-traduzzjoni Griega tat-Testment il-Qadim, kif ukoll il-kotba kollha tat-Testment il-Ġdid jittraduċu ż-żewġ kelmiet dejjem bl-istess kelma *kyrios*. Aħna mbagħad irridu naraw kif għandna nifhmu s-sens ta' din il-kelma jekk hux għal Alla jew għal Ġesù Kristu. Dan naslu biex nifhmuh mill-kontest, qrib jew imbiegħed, li fih tkun il-kelma.

Fil-każ tat-test tagħna, fejn Marija tissejjaħ *he meter tou kyríou mou*, nistgħu nifhmuh fis-sens ta' "omm Sidi", kif setgħet fehmet Eliżabetta. Imma fid-dawl tal-kontest ġenerali ta' l-użu tal-kelma *kyrios* b'riferenza għal Ġesù fl-Evanġelju ta' Luqa nifhmuh

aħjar fis-sens tal-karattru divin ta' Ġesù kif kienu jifhmuh l-insara ta' żmien San Luqa. Ma ninsewx li Luqa rrakkonta t-tradizzjonijiet ta' l-Infanzja fid-dawl tal-fidi tiegħu fil-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet, li fih kien jarah bħala l-Mulej rebbieħ u glorjuż:

"Ġesù hu l-Mulej!" U Marija hi Omm il-Mulej Ġesù.

Kellu raġun San Luqa jqiegħed fuq fomm Marija l-innu ta' tifħir lill-Mulej Alla, għax għarfet li kien għamel magħha ħwejjeġ kbar:

*Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,*
*u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,*
*għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.*
*Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,*
*għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;*
*Qaddis hu l-isem tiegħu.*
*Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.*
*Hu wera l-qawwa ta' driegħu,*
*xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.*
*Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,*
*u għolla ċ-ċkejknin.*
*Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,*
*u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.*
*Ħa ħsieb Israel qaddej tiegħu,*
*għax ftakar fil-ħniena tiegħu*
*- bħalma wiegħed lil missirijietna -*
*b'risq Abraham u nislu għal dejjem.*
*(1,46-47.49)*

X'seta' jagħmel aktar ma' Marija l-Mulej Alla, milli jagħżilha biex tkun Omm Ibnu Ġesù Kristu, li hu l-Bniedem-Alla?


PUBLIKAZZJONI ĠDIDA

# Il-MISTERU TA' L-INKARNAZZJONI

***minn P. Donat Spiteri OFM Cap***




It-titlu ta' dan il-ktieb hu ispirat mill-Bolla *Incarnationis Mysterium* li biha l-Papa Ġwanni Pawlu II xandar il-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, fid-29 ta' Novembru 1998.

F'dan il-ktieb, P. Donat, b'sens qawwi ta' fidi u b'imħabba mħeġġa, u bil-kompetenza xjentifika tiegħu ta' studjuż tal-Kotba Mqaddsa, jgħinna nfittxu u nsibu fil-Kotba Ispirati tar-Rabta l-Ġdida dak li emmnet il-Knisja mill-ewwel żminijiet tagħha, taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu, dwar min kien tassew Ġesù.

Dan il-ktieb, b'120 paġna (147 x 210), huwa pubblikazzjoni tal-Provinċja Kapuċċina Maltija, u jinsab għall-bejgħ, bil-prezz ta' Lm 1.50ċ, mill-kunvent tal-Kapuċċini, Floriana, u mill-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi.




Ħareġ ukoll **"Kliem il-Ħajja"** għax-xhur ta' Jannar-April 2001. Għal din is-sena is-siltiet ser ikunu dawk ta' l-Evanġelju li jinqara fil-quddiesa tal-jum, bi ħsieb miegħu u talba. Huwa ta' għajnuna fit-tħejjija aħjar għal-Liturġija tal-Kelma tal-quddiesa tal-jum. Din il-pubblikazzjoni tal-Provinċja Kapuċċina Maltija toħroġ kull erba' xhur u l-abbonament huwa ta' Lm 1.00 fis-sena.



# Masġar għat-Tagħmir

*It-tagħmir tan-nies hija uġigħ ta' ras kbira għall-mexxejja tal-pajjiżi kollha. Ħafna drabi jkollok twessa' ċ-ċirku ta' l-abitant u tidħol f'xi masġar biex in-nies ikollhom fejn jgħixu. Dan ġara għan-nies li naħdmu magħhom ta' kuljum. Koppji żgħażagħ ikollhom jgħaddsu rashom u jmorru jgħixu f'masġar mimli annimali selvaġġi. Il-Knisja, fil-ħniena tagħha, qatt ma telqet lil uliedha fil-bżonn, dejjem qasmet magħhom in-nieket u l-ferħ. Hekk għamilna aħna l-missjunarji ma' dawk li marru jgħammru fil-masġar.*

minn P. Hilary ABELA ofm cap





## Biċċa art fil-masġar

Kien dmir tagħna li nitolbu l-gvern biex jagħtina biċċa art fejn nistgħu nibnu dak kollu li jista' jgħin lin-nies ta' dan l-imkien. L-art ġiet mogħtija mingħajr tlaqliq ta' xejn għax kulħadd jaf li l-Knisja Kattolika, minbarra li xxettel il-fidi nisranija, iġġib magħha l-progress. Din il-biċċa art kellha tkun il-qalb għall-għajnuna meħtieġa lil dawk in-nies.

Sejjaħna lill-Kattoliċi kollha ta' dan il-post u fissirnielhom bil-ħtieġa għall-bini ta' knisja. Il-knisja kellha tinbena miz-zkuk, tajn u ħuxlief. F'kemm trodd salib inġabru l-ismijiet u tqassam ix-xogħol.

L-ewwel xogħol kien il-qtugħ ta' frieghi u zkuk twal tas-siġar biex jinbena l-qafas tal-knisja. Il-qafas isir doppju, u bejniethom jimtela bit-tajn u l-ġebel imdaqqas. Għas-saqaf tal-knisja jinqatgħu weraq wisgħin tal-palm selvaġġ u jitqiegħed waħda ħdejn l-oħra u waħda taħt l-oħra b'mod li l-knisja tiġi mkenna mix-xemx u x-xita li ma jonqsux f'post bħal dan.

Hija ħaġa sewwa u xierqa li l-ġemgħa ta' l-Insara tkun imħarsa minn xi qaddis fis-sema. Fil-laqgħa ma' l-Insara għamilna ħilitna biex insibu xi qaddis li jista' jidħol għalina quddiem Alla fil-ħtiġiet tagħna ta' kuljum.

*Xellug: Is-sistema tal-bini - il-qafas biz-zkuk li miegħu iżommu l-ġebel u t-tajn. Is-saqaf isir bil-weraq niexef.*

Konna kważi dorna l-qaddisin kollha biex insibu wieħed li jista' jmexxina. Fl-aħħar sibna lil San Ġuda Taddew - qaddis magħruf għall-impossibbli.

Minħabba l-fidi li rabbietni ommi fiha xtaqt li dan il-qaddis ikun magħna lejl u nhar. Kif mort id-dar qbadt biċċa tajjara, xarrabtha biż-żejt ta' San Ġuda Taddew u gerbibtha f'santa ta' l-istess qaddis, għamilt kollox fi flixkun żgħir u ħaddtu miegħi l-għalqa li fiha bnejna l-knisja. Kif kont indur mal-knisja sibt toqba fil-ħajt u għaddast fiha l-flixkun imqaddes. Il-ħofra għalaqtha b'ġebla.

Ngħid is-sewwa qgħadt b'sebgħa għajnejn li ma jaraniex xi ħadd għax malajr tiġri x-xnieha li l-patri qiegħed magħmul fil-knisja. L-Afrikani jemmnu ħafna bil-magħmul.

## Skola tan-nuna

It-tagħlim m'għandux bliet u msaġar. Min ifittxu jsibu. Il-familji li jgħammru f'dan il-masgar ħassew il-bżonn li uliedhom jitgħallmu dak kollu li jeħtieġu għal ħajjithom. Bi tbatija kbira raw kif għamlu u middew għonqhom għal bini ta' skola. It-tfal iż-żgħar ħassewha bi kbira jterrqu qalb is-sigar u qatgħuha li jibqgħu d-dar. Inħass il-bżonn li tinbena skola tan-nuna għat-tfal ta' qrib l-għalqa tagħna; l-iskola ngħatla l-isem ta' "IT-TFAJJEL ĠESÙ".

Ħarġet l-idea li l-bini tal-knisja jista' jservi wkoll ta' skola. Dan sa kemm jinstabu l-flus għall-bini ta' l-iskola. Għaldaqstant, matul il-Ħdud issir il-quddiesa u laqgħat oħra ma' l-Insara, u matul il-ġimgħa jsir it-tagħlim għat-tfal iż-żgħar.

## L-ilma tax-xorb

L-ilma huwa ta' ħtieġa kbira fil-ħajja. Nuqqas ta' ilma jġagħlek timxi fit-tul u qabel ma ssibu ma tistrieħx.

In-nies li jgħammru f'dan il-masġar iridu jimxu madwar għaxar kilometri biex jaslu qrib l-ewwel għajn ta' l-ilma. Il-mixja mhiex ħafifa daqs kemm nagħmluha. Trid tkun hawn biex tara kif jinġarr l-ilma għad-dar.

Għal dawk li qatt ma raw xeni bħal dawn għandhom ikunu jafu li biċċa l-kbira l-ġarr ta' l-ilma huwa mħolli f'idejn il-bniet, it-tfajliet u n-nisa. Huma u sejrin lejn il-għajn ta' l-ilma ward u żahar, imma meta jimtela l-barmil ta' l-għoxrin litru dan iġorruh fuq rashom jew marbut b'ħabel ma' daharhom. Mixja b'piż bħal dan f'ġurnata b'xemx tiżreġ ma tantx ikollok aptit. Imma x'tagħmel, tmut bil-għatx? Dan il-barmil ilma jrid jagħmel il-mirakli għax irid jintuża għax-xorb, tisjir t' ikel u xi bott tè biex ilaħlaħ l-istonku qabel ma wieħed jintnaxar fuq il-ħasira u jieħu nagħsa sa sbiħ il-jum.

Il-jiem tax-xita huma ferħ kbir għal dawk li jġorru l-ilma. L-għadajjar kbar li hawn mifruxa 'l hawn u 'l hemm f'dawn l-inħawi huma ta' għajnuna għal kulħadd: kemm għall-annimali selvaġġi, li jixorbu u jinħaslu fl-għadajjar, kif ukoll għan-nisa li jimlew il-bramel tagħhom bl-ilma mill-istess għadajjar. Veru li Alla qiegħed ma' dawn in-nies għax ftit li xejn isir dfin b'xi marda qalila.

Iż-żmien għadda sewwa u nħas il-bżonn li mmidu l-pass għal għajnuna oħra lil dawn in-nies: taħfir ta' bir għall-ilma tax-xorb. Dawk li huma midħla tas-siġar jgħidu li hemm siġra ħadranija s-sena kollha. Fejn tkun din is-siġra jkun hemm nixxiegħa kbira tal-ilma. B'xorti tajba, fl-art tal-missjoni, f'dan il-masġar hemm din is-siġra. Ix-xewqa li jitħaffer bir ġiet milqugħa b'ferħ kbir. Inkitbet ittra għall-għajnuna fit-taħfir ta' dan il-bir u x-xogħol beda bla dewmien. Dan il-bir għandu jkun ta' għajnuna kbira għall-familji li jgħixu f'dan il-masġar.





*Il-bir li jipprovdi l-ilma li mbagħad jinġarr min-nisa fuq rashom.*

Hemm ħafna affarijiet oħra x'jistgħu jsiru b'għajnuna għal dawn in-nies: ngħidu aħna twaqqigħ ta' siġar selvaġġi biex jitwarrbu l-annimali li jieklu u jħarbtu l-prodotti tar-raba', għajnuna lill-bdiewa biex ikollhom prodotti tajbin, ħarsien tal-imrieħel minn kull għamla ta' mard, u berġa fejn il-morda jiġu mdewwija jew imfejqa.

Pass wara ieħor il-mixja tintemm u l-masġar jinbidel f'għelieqi b'siġar tal-frott u ikel għal kulħadd. ❑



# Introduzzjoni għall-Evanġelju

## L-EWWEL PARTI

***Matul din is-sena, ser nippublikaw din is-serje ta' artikli dwar l-Evanġelju ta' San Mattew. L-iskop ta' din is-serje huwa li nsiru nafu aħjar u napprezzaw aktar il-Kelma ta' Alla kif waslet għandna wara dan iż-żmien kollu. F'dan l-ewwel artiklu ser nagħtu tagħrif ġenerali dwar l-Evanġelji. B'hekk inkunu qed inħejju l-bażi li fuqha mbagħad inkunu nistgħu nkomplu nibnu.***



*L-isfond: Framment minn Evanġelju. Seklu II.*
*Fuq lemin: Missall tas-Seklu XVI, Bibljoteka tal-Kolleġġjata ta' San Orso.*
*Isfel: Kristu, Mużajk li jinsab f'Santa Sofija, Istanbul, Turkija.*



minn **P. Martin MICALLEF** ofm cap

Il-kelma EVANĠELJU ġejja mill-Grieg *EUANGELION* u tfisser "aħbar tajba". Hekk, per eżempju, jibda l-Evanġelju ta' San Mark: "Il-Bidu ta' l-EVANĠELJU ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla" (Mk 1:1). San Pawl li kiteb l-ittri tiegħu qabel ma nkitbu l-Evanġelji, juża wkoll din il-kelma. Hekk, per eżempju, naqraw li hu kiteb lill-Galatin biex "il-verità ta' l-EVANĠELJU tibqa' sħiħa għalikom" (Gal 2:5), filwaqt li fl-ewwel ittra lit-Tessalonkin jistqarr li "L-EVANĠELJU tagħna lilkom ma kienx biss bil-kliem, imma wkoll bil-qawwa" (1 Tess 1:5).

Dawn huma biss ftit mill-ħafna referenzi li nsibu għall-kelma EVANĠELJU fl-ittri ta' San Pawl. Bl-użu ta' din il-kelma, l-Appostlu Pawlu, ma kienx qed jirreferi għall-kitba ta' l-Evanġelju bħalma nifhmu aħna llum. Kif diġà għedna, l-erba'

Evanġelji kienu għadhom ma nkitbux meta San Pawl kiteb l-ittri tiegħu. Minflok, bil-kelma EVANĠELJU, San Pawl kien qed jirreferi għal dak li bil-Grieg hija magħrufa bħala il-*KERYGMA*, jiġifieri, ix-xandir jew il-predikazzjoni tat-twemmin nisrani. Dan hu miġbur fi ftit kliem fl-ewwel diskors li San Pietru għamel nhar l-Għid il-Ħamsin.

"Ġesù ta' Nazaret kien bniedem li Alla takom prova tiegħu permezz tal-mirakli u s-sinjali li għamel bih fostkom, kif intom stess tafu. Lil dan Ġesù, Alla telaqhulkom f'idejkom skond l-għerf u l-pjan li fassal minn qabel u intom neħħejtuh billi sallabtuh permezz ta' nies ħżiena; imma Alla qajmu mill-imwiet" (Atti 2:22-24). Dan hu l-kontenut tal-EVAN-ĠELJU fi ftit kliem: Ġesù ta' Nazaret li ġie mislub fuq salib issa huwa ħaj u "Alla għamlu Mulej u Messija" (Atti 2:36). Meta, imbagħad, l-għadd ta' dawk li bdew jitgħammdu baqa' dejjem jiżdied, u dawk li kienu għexu ma' Ġesù bdew imutu, jidher li beda jinħass il-bżonn li jinkiteb dak li Ġesù kien għamel u għallem meta kien fuq din l-art.

Kien hawn li bdew jinkitbu l-Evanġelji. Għalkemm il-Knisja illum tagħraf biss erba' Evanġelji, dak skond San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann, b'danakollu fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu kien hemm jiċċirkulaw bosta evanġelji oħra li kienu jġibu l-isem ta' wieħed mill-appostli, anke jekk dawn ma ġewx miktubin minnhom. Hekk, per eżempju, fl-1947, fl-Eġittu, instabet librerija imsejħa Hag Hammadi, u fost dawn il-kotba kien hemm l-evanġelju attribwit lil San Tumas. Dan l-evanġelju mhuwiex narrattiva, imma biss ġabra ta' sentenzi attribwiti lil Ġesù. Jeżisti wkoll dak li ġie msejjaħ il-Proto-Evanġelju ta' San Ġakbu. Dan jagħtina ħafna rakkonti fuq Marija omm Ġesù. Il-festa ta' San Ġwakkin u Sant'Anna, l-imsejħa ġenituri tal-Madonna, tmur lura proprju f'din il-kitba.

Ma' din il-lista ta' evanġelji apokrafi, kif inhuma msejħin, hemm oħrajn li l-Knisja ma tqishomx bħala parti mill-Kanone tagħha, jiġifieri, parti mil-lista uffiċjali tal-Kotba Mqaddsa, li flimkien jiffurmaw il-Bibbja.

Meta niġu għall-erba' Evanġelji li nsibu fit-Testment il-Ġdid mal-ewwel nindunaw li dawn huma narrattiva jew storja ta' Ġesù ta' Nazaret. U għalhekk faċli li nitfgħuhom taħt il-kategorija ta' biografija, jiġifieri, kitba li tippreżenta l-ħajja ta' xi persunaġġ. Imma l-Evanġelisti ma jidhirx li kellhom f'moħħhom li jiktbu biografija ta' Ġesù fis-sens modern li biha nifhmu din il-kelma. Kieku l-Evanġelisti riedu jagħmlu dan, kienu jagħtuna wisq aktar dettalji fuq Ġesù.

Għalhekk aktar milli biografija, l-Evanġelji nistgħu nqisuhom bħala "storja u teoloġija" jew aħjar "katekeżi" fuq il-persuna ta' Ġesù Kristu.



*Simboli tal-Erba' Evanġelisti: "Book of Kells" Foglio 27v (c. 800 AD) Trinity College Library, Dublin, l-Irlanda.*

Kull Evanġelista ppreżentalna xi episodji u xi kliem li qal Ġesù u interpretahom skond iċ-ċirkustanzi li fihom kien qiegħed jikteb, snin wara l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù ta' Nazaret. ❑

# SAN FRANĠISK FL-ARTI
# Monumenti u Statwi

L EWWEL PARTI

minn P. Martin MICALLEF ofm cap

***Dawk li jsegwu din ir-rivista Dawl Franġiskan, setgħu jinnutaw li dawn l-aħħar sentejn bdejna serje ta' artikli dwar l-ikonografija Franġiskana, jiġifieri, dwar xbihat li juru lill-fqajjar t'Assisi. Fil-ħarġiet ta' Ottubru, Novembru u Diċembru 1999, Mr. Tony Terribile kien tana ġabra tajba u sabiħa ta' statwi u niċeċ ta' San Franġisk li jinsabu mxerrdin fit-toroq u l-pjazez tal-gżejjer tagħna. Imbagħad jien kont komplejt b'serje ta' sitt artikli oħra li dehru fil-ħarġiet ta' bejn Jannar u Ġunju 2000, li fihom ġbarna bosta bolli ta' pajjiżi differenti, li jirrappreżentaw lil San Franġisk f'rabta mal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Jidher li dawn l-artikli ntlaqgħu tajjeb minn bosta qarrejja ta' din ir-rivista, u għalhekk ħsibna li nkomplu nippreżentaw aktar tagħrif dwar dan is-suġġett. Ser nibdew b'monumenti u statwi li jinsabu barra minn Malta li juru lill-qaddis t'Assisi f'kuntatt ma' l-annimali li kienu tant għal qalbu. L-iskop tagħna mhuwiex sempliċiment li nippubblikaw stampi biss, imma wkoll li permezz ta' dawn ix-xbihat insiru nafu, inħobbu u nitgħallmu aktar minn dan il-qaddis daqshekk popolari.***



**1.** L-ewwel monument li qed nippreżentaw huwa dak li nsibu fil-kunvent tal-Bażilika ta' *Santa Maria degli Angeli*, li jinsab barra l-ħitan tal-belt t'Assisi. Il-monument tal-bronż huwa xogħol ta' V. Rosignoli. Huwa jinsab elevat mill-art fuq pedestal tal-ġebel li fih hemm erba' *basso rilievi* li juruna episodji differenti mill-ħajja tal-qaddis t'Assisi. L-istatwa turi lil San Franġisk ma' nagħġa biex jitfakkar l-episodju mill-ħajja tiegħu meta: "Darba, qrib Santa Marija tal-Porzjunkola, lill-qaddis offrewlu nagħġa, u hu laqagħha bil-ferħ min-ħabba s-sempliċità u l-innoċenza tagħha. Huwa wissa lin-nagħġa ll kellha tfaħħar 'l Alla u biex ma tfixkilx lill-patrijiet. In-nagħġa kienet tħares dejjem dak li ordnalha l-bniedem ta' Alla, donnha kienet taf it-tjubija tiegħu. U meta kienet tisma' lill-patrijiet ikantaw fil-kor, kienet tiġri hi wkoll fil-knisja u, mingħajr ħadd ma għallimna, kienet tinżel għarkupptejha quddiem l-artal tal-Verġni, bħal qisha biex isellmilha." *(S. Bonaventura, Ħajja Maġġuri ta' San Franġisk kap 8)*



**2.** It-tieni statwa bħal dik ta' qabilha turi mill-ġdid lill-fqajjar ta' Assisi f'ġest ta' ħbiberija u tenerezza man-nagħġa. L-istatwa li tfakkar l-episodju li għadna kemm tkellimna dwaru, tinsab fiċ-*Cenacolo Francescano "Maria Assunta"* fi Brescia, l-Italja.

**3.** It-tielet statwa li qed nippreżentaw tinsab fl-*Eremo delle Carceri* ġewwa Assisi. L-istatwa hija skultura ta' V. Rossignoli u turi tfajjel mill-belt ta' Siena li, waqt li kien qed jieħu xi ħamiem ġo nassa lejn is-suq, jiltaqa' ma' San Franġisk, u dan talab lit-tfajjel biex jagħtihomlu ħalli ma jaqgħux f'idejn nies kattivi li mbagħad joqtluhom. It-tfajjel hekk għamel, u San Franġisk ħadhom u għamlilhom post ta' kenn fejn baqgħu jitkattru fin-numru. Il-qaddis qal lit-tfajjel li xi



darba hu għad isir Patri fl-ordni tiegħu. U hekk ġara tassew! *(Fjuretti 22)*



**4.** Ir-raba' statwa *(lemin)* bħal dik ta' qabilha, hija xogħol ta' l-istess skultur u tirrappreżenta l-istess episodju mill-ħajja ta' San Franġisk. Din l-istatwa, iżda, tinsab fis-santwarju Franġiskan *La Verna*, il-post li fih San Franġisk irċieva l-pjagi.



**5.** Statwa tal-ġebel li nsibu fil-kjostru tal-kunvent li jmiss mal-Bażilika ta' San Franġisk ġewwa Assisi hija dik ta' Luigi Sapia, xogħol fil-ġebel li sar fl-1925. L-istatwa, li turi lil San Franġisk, bil-pjagi f'idejh, f'riġlejh u fil-kustat, huwa post ta' kenn għal bosta ħamiem li jittajjar f'dan il-post, kif turi din l-istampa.



**6.** Monument modern fil-bronż huwa dak li nsibu mal-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fi Treviso, l-Italja *(ara isfel xellug)*. L-iskultura hija xogħol ta' R. Cremesini u saret fl-1984. Il-monument juri lil San Franġisk b'espres-sjoni ta' ferħ fuq wiċċu li qed itajjar ħamiema minn fuq idejh ix-xellugija.

**7.** Statwa sabiħa li nsibu fil-kjostru tal-kunvent tal-Kapuċċini ta' Salerno fl-Italja, tirrapreżenta wieħed mill-episodji l-aktar popolari mill-ħajja tal-qaddis t'Assisi. L-episodju jirrakonta l-istorja ta' meta San Franġisk irnexxielu jikkalma l-lupu li skond l-istorja kien qed jhedded il-paċi tal-belt ċkejkna ta' Gubbio, fl-Italja. L-istorja tgħidilna kif kulħadd kien imwerwer minn dan l-annimal feroċi sakemm wasal f'din il-belt San Franġisk u kellem lil dan il-lupu u wiegħdu li n-nies ta' Gubbio kienu ser jipprovdulu ikel x'jiekol kuljum. Min-naħa tiegħu, il-lupu kellu jwiegħed lil San Franġisk li ma kienx ser jagħmel aktar ħsara lil ħadd. *(Fjuretti 21)*



**8.** Monument modern ieħor li twaqqaf fit-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk, jiġifieri, fl-1982, huwa dak li nsibu f'Alessandria, fl-Italja. Dan hu skultura tal-bronż maħdum minn S. Manfrini u, bħal dak ta' qablu, jirrapreżenta lill-fqajjar t'Assisi jagħmel ħbieb mal-lupu ta' Gubbio.





# Qlub ferħana dejjem!

minn P. Frans ABELA GIUSTI ofm cap

## Il-Ferħ tal-Franġiskan Sekular

Ir-Regola ta' l-imseħbin fl-Ordni Franġiskan Sekular tħeġġiġhom b'dal-kliem: "Bħala ħabbara ta' l-għola ferħ, għandhom ifittxu f'kull ċirkustanza tal-ħajja li jwasslu lill-oħrajn il-ferħ u t-tama" (19). Għall-Franġiskan Sekular, dal-ferħ m'għandux ikun espressjoni ta' xi entużjażmu tal-mument, jew ferħ li ġej mill-għana, flus, alkoħol jew droga li jippruvaw jostru u jordmu realtajiet iebsa tal-ħajja. Le. Imma għandu jkun ferħ bħal dak ta' Franġisku mibni fuq iċ-ċertezza li l-Missier tas-sema jħobbu personalment anke f'dawk il-waqtiet li hu jitbiegħed minnu bid-dnub, ifittex il-ferħ fejn dan ma jinstabx. Dal-ferħ tar-ruħ hu Kristu nnifsu. "Jien nagħtikom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u lanqas titbeżża'" (Ġw 14, 27). Għalhekk it-Terzjarju hu ferħan għax konvint li dawn isaffulu l-fidi bħalma jissaffa d-deheb bin-nar. "Hekk tgħaddi mill-prova l-fidi tagħkom - bħalma d-deheb jgħaddi mill-prova tan-nar - biex ikun jistħoqqilha tasal għat-tifħir u l-ġieħ meta jidher Ġesù Kristu" (1 Pt 1, 7). Ħwejjeġ kbar aħna wegħedna lil Alla, imma ħwejjeġ akbar ġew imwiegħda lilna. Mela nwettqu ta' l-ewwel biex nittamaw li naqilgħu tat-tieni. Però ara li ma nitqarrqux u naħsbu li l-ferħ li jagħtina Kristu ser jiffrankalna l-problemi kollha. Il-ħajja hi miżgħuda b'esperjenzi bħal ta' mara li tkun waslet biex teħles. Bħal ma dak li tgħaddi minnu mara li tkun ser issir omm, hekk ukoll jiġri lid-dixxipli ta' Ġesù, tbatijiethom jinbidlu f'ferħ u sliem (ara Ġw 16, 20-22).

Ta' min iżid jgħid li l-ferħ jimla l-viżjoni tal-ħajja franġiskana fl-aspetti kollha tagħha. Il-ferħ għall-Franġiskan hu:

• parti mit-talb privat tiegħu, li għalih mhux ħlief diskursata intima ta' Iben ma' MIssleru tas-sema, diskursata li tinbidel f'kontemplazzjoni fuqu bħala "waħdu l-veru Alla li hu tjubija fil-milja kollha tagħha, kull tjubija, kollu kemm hu tjubija, il-vera u l-aqwa tjubija" (Kitbiet ta' San Franġisk p.151);

• espressjoni ta' ħidma biex titwaqqaf is-saltna ta' Alla fost il-bnodmin, u ta' xogħol manwali jew mentali li huma rigal u grazzja minn Alla li jgħinuh jikkollabora miegħu fit-tkomplija u s-sbuħija tal-maħluq;

• element importanti għal mixi 'l quddiem fil-ħajja tar-ruħ għax itaffi l-qrusa tal-mard, faqar, iżolament,



mibegħda jew kefrija tal-bnedmin, u jgħannaq f'tgħanniqa ta' mħabba lill-ħlejjaq kollha li ċ-ċentru tagħhom hu Kristu.

Minn dil-viżjoni globlali tal-ferħ mifruxa fuq l-oqsma kollha tal-ħajja, jitnissel fil-Franġiskan l-ottimiżmu li jsieħbu f'kull waqt, anke drammatiku, ta' l-eżistenza sew tiegħu u sew tal-ġrajja umana. F'kull persuna u f'kull ġrajja hu jaf jislet l-aspett pożittiv biex jivvalorizzah u jifraħ bih. Mhux biss, imma talli jsir kapaċi jifraħ bil-ġid li jara f'ħaddieħor u mhux jiddarras meta jara lil ħaddieħor kuntent u lilu donnu ma tistax tiġih waħda tajba. Każ tipiku hu dak tal-parabbola ta' dak l-iben li qarras wiċċu flok ma feraħ bir-ritorn ta' ħuh ħali (ara Lq 15, 24). ❑

## DIGRIET TA' GĦARFIEN UFFIĊJALI

Waqt laqgħa tal-Kunsill Internazzjonali O.F.S. f'Ruma, bejn l-10 u s-17 ta' Novembru 2000, ġiet studjata l-qagħda preżenti ta' l-O.F.S. f'Malta, u ġew evalwati dawn il-punti:

• in-numru sabiħ ta' membri professi u n-numru ta' fraternitajiet stabbiliti;

• l-assistenza spiritwali li qed tingħata lill-O.F.S. mill-Ewwel Ordni Franġiskan;

• it-tradizzjoni konsolidata u l-preżenza attiva ta' l-O.F.S. f'Malta;

• il-kura li jipprovdi il-Kunsill Nazzjonali Proviżjorju f'dik li hi tmexxija, animazzjoni, għaqda u ko-ordinament tal-fraternitajiet lokali.

Għalhekk, kif jitolbu l-Kostituzzjonijiet Ġenerali ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari fl-artiklu 65, par. 1-2 għat-twaqqif ta' għaqda waħda organika, b'dan l-att nirrikonoxxu li l-Fraternità Nazzjonali O.F.S. f'Malta hija kanonikament imwaqqfa.

Ruma, 17 ta' Novembru, 2000

Emanuela De Nunzio
**Ministru Ġenerali O.F.S.**

## DIGRIET TA' KONFERMA

Il-Presidenza tal-Kunsill Internazzjonali O.F.S. jikkonferma u jiċċertifika li **Mr. Charles Grech**, Ministru tal-Fraternità O.F.S. tal-Kalkara, ġie



magħruf bħala l-magħżul Kunsillier Internazzjonali O.F.S. għas-sejħa għall-Kapitlu Ġenerali Elettiv li jmiss.

Bis-saħħa ta' dan, dal-Kunsillier:

a) għandu jieħu sehem fil-Kapitlu Ġenerali u laqgħat oħra O.F.S., fejn u meta msejjaħ mill-Presidenza;

b) jagħmilha ta' ħolqa reċiproka bejn il-Kunsill Nazzjonali u dak Internazzjonali;

c) iwettaq ħidmiet ta' ko-ordinazzjoni u komunikazzjoni fi ħdan l-O.F.S. kif jitolbu l-Istatuti tal-Fraternità Internazzjonali.

Ruma, 17 ta' Novembru, 2000

Emanuela De Nunzio
**Ministru Ġenerali O.F.S.**



## *mill-Ittri tal-qarrejja ...*

• Jiena oħt P. Taddew Schembri li qiegħed l-Etjopja. Kemm ħadt pjaċir meta ftaħt **Dawl Franġiskan** u sibt paġna li kiteb ħija fuq il-vokazzjoni missjunarja. Fakkarni f'ommi, kemm kienet mara u omm twajba. Kienet veru iebsa għalina li narawh sejjer il-missjoni, imma issa lkoll ninsabu ferħanin bih. Ommi, issa hija mejta, imma naħseb li mietet kuntenta li ħalliet missjunarju.

Father, jiena waħda li naqra r-rivista mill-bidu sa l-aħħar, l-iżjed in-Novella u t-Tweġiba ta' Fr. William. Grazzi u itolbu għalina. *G. Cousin - L-Isla*

• Jiena nħobb naqra **Dawl Franġiskan** *Magazine* sabiħ u informattiv. Għandu *layout* u format interessanti. Fuq kollox mimli informazzjoni reliġjuża. Fost l-oħrajn inħobb naqra 'Teleskopju fuq il-Ħajja', ta' P. William, tassew imiss il-polz Malti reliġjuż, l-artiklu ta' P. Philip minn Kuba, l-artiklu dwar il-Bibbja u meta jkun hemm xi intervista minn Br. Andrè ma' xi patri tal-komunità tagħkom. Fl-aħħar żewġ ħarġiet kien hemm żewġ artikli sbieħ dwar il-Bieb tal-Ġublew tal-Vatikan, li jinfetaħ kull 25 sena, u dwar il-Papiet li fetħu d-diversi Ġublewijiet Imqaddsa. L-artiklu dwar il-Bibbja jkun informattiv ħafna, wara kollox x'tistenna minn P. Donat. Prosit u komplu sejrin hekk. Nawguralkom. *A. Scicluna - Naxxar*

# Flimkien nagħmlu differenza KBIRA!

minn Melchior PACE gi.fra.



Il-Grupp Żgħażagħ Franġiskani, jew kif aħna magħrufin il-Gi.Fra. niltaqgħu kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana fil-Furjana, eżatt wara l-poliklinika u ħdejn il-knisja tal-Kapuċċini. Imma dawn iż-żgħażagħ Franġiskani, wieħed jistaqsi, min huma, x'jagħmlu jew x'razza huma? Ma nilbsu xejn speċjali biex nintgħarfu, u nissejħu żgħażagħ Franġiskani għaliex iddeċidejna li nkomplu nikbru fil-formazzjoni tagħna kemm bħala individwi u kemm bħala nsara fuq il-passi ta' San Franġisk u Santa Klara.

Ma hemm xejn jew ħadd li jorbotna, u l-grupp hu mħallat sew. Aħna żgħażagħ, kollha bejn is-16 u t-30 sena, ġuvintur u tfajliet. Hemm min hu *single* u wkoll koppji għarajjes. Inqisu lilna nfusna bħala żgħażagħ normali għall-aħħar, is-Sibt inkunu Paceville u fost il-ġimgħa hemm min jaħdem u hemm min għadu jistudja u hemm min jirnexxilu jlaħħaq mat-tnejn!

Il-laqgħat tagħna jvarjaw minn laqgħat soċjali għal reliġjużi, minn laqgħat ta' formazzjoni għal attivitajiet ma' gruppi u għaqdiet oħrajn. Huma diversi l-attivitajiet li norganizzaw - *hikes*, *barbecues*, ikliet, u, għaliex le, xi kultant xi disco wkoll ... fuq kollox aħna żgħażagħ. Fejn tidħol serjetà, serjetà ... ikollna quddies animat minna kemm għalina kif ukoll għan-nies, eżerċizzi fi żmien ir-Randan, niċċelebraw il-Milied flimkien mal-familji tagħna; insomma mħallat ftit minn kollox!

Il-laqgħat ikunu dejjem fit-7.45 p.m. u jispiċċaw bejn wieħed u ieħor fit-8.50 p.m. B'danakollu ċ-Ċentru jiftaħ dejjem fis-6.00 p.m. u jagħlaq fid-9.00 p.m. Iċ-Ċentru tagħna huwa mmexxi minn kunsill elett minna stess, jiġifieri tagħna f'tagħna! Ma' dan il-kunsill kollu żagħżugħ hemm ukoll assistent spiritwali li jgħinna wkoll fil-mixja tagħna spiritwali, u hu wkoll għadu żagħżugħ.

Jekk minn din il-paġna ħajjarniek biex tiġi, *feel more than welcome*. Jekk tixtieq tikkuntattjana tista' ċċempel lil Anthony (09486790), Keith (09452386), Melchior (79022179), jew Br. Vince (225525/234949).

Flimkien nagħlmu differenza KBIRA!



*Il-Kunsill li ġie elett fid-9 ta' Ottubru 2000 huwa magħmul minn: (mix-xellug) Sonia Cassar - Segretarja, Rachel Gatt - Kaxxiera, Anthony Fitzpatrick - President, Melchior Pace - P.R.O., Keith Spieri - Viċi President u Br. Vincent Axiaq - Assistent Spiritwali.*

minn P. William AXIAQ ofm cap

Father,

*Jiena mara miżżewġa. Minħabba l-għoli tal-ħajja kelli noħroġ naħdem biex ir-raġel u jien inkunu nistgħu llaħħqu ma' l-ispejjeż tal-familja. Fuq ix-xogħol inħabbat wiċċi ma' ħafna tentazzjonijiet. Imma ħlift li rrid nibża' ħafna għaż-żwieġ tiegħi u ma rrid ċajt ma' ħadd. Hemm raġel miżżewweġ mill-istess lokalità tiegħi li mhux l-ewwel darba li tani "lift" sad-dar wara x-x-xogħol u dejjem rajtu anġlu. Lir-raġel tiegħi kont għedtlu biha din il-ħaġa u ma sabx diffikultà. Issa ilu ftit ma joffrili "lift", iżda ndunajt minn ċerti sinjali li donnu ħa grazzja miegħi. Jekk dan il-ħaddiem li semmejtlek jerġa' jgħidli biex nirritorna miegħu d-dar wara x-xogħol - il-post fejn noqgħod huwa 'l bogħod mill-post tax-xogħol - għandi nkompli naċċetta jew le?*

F'-ittra tiegħek għandek vers li narah importanti ħafna. Inti għedt li fuq ix-xogħol ġieli tiltaqa' mal-fastidju, imma inti deċiża li trid tibża' għaż-żwieġ tiegħek u ma trid tagħti l-wiċċ lil ħadd, għax trid tibqa' fidila lejn ir-raġel tiegħek. Fi kliemek tinħass ħafna determinata.

Minħabba f'hekk kważi nasal biex nagħlaq għajnejja u ngħidlek biex ma titlifx *"lift"* sad-dar wara x-xogħol, jekk dak ir-raġel li semmejt jerġa' joffrilek li jwasslek, iżjed u iżjed meta l-lokalità fejn tgħammar hija 'l bogħod mill-post tax-xogħol. Iva, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, nasal biex nagħtik parir ħalli ma tirruftax passaġġ sad-dar, avolja qed tinduna li dak ir-raġel ħa grazzja miegħek. Imma billi naf kemm sitwazzjonijiet bħal tiegħek huma mbrolljuni, nerġa' pass lura u nagħtik parir biex tieħu ftit tal-paċenzja u tmur id-dar b'tal-linja. Għalik jista' jinħass iebes dan il-kliem, imma fil-qagħda li tinsab fiha hekk jaqbillek tagħmel.

La ntbaħt li dak ir-raġel ħa grazzja miegħek - inti tinħass mara mhux ta' subgħajk f'ħalqek - aħjar ma nqegħdux porvli qrib in-nar, inkella żgur nisimgħu splużjoni. It-Taljani għandhom espressjoni li tgħid hekk: *"Acqua santa e polvere fanno fango"*, jiġifieri: ilma mbierek u trab, jekk tħallathom flimkien, jagħmlu tajn. Il-ħajja, ħafna drabi, hekk turina li jiġri. Ġieli smajna bi stejjer bħal dawn.



Barra minn hekk, il-Kotba Mqaddsa jaċċertawna li anki ballut kbir tal-Lebanon waqa' mill-għoli tiegħu, u San Filippu Neri kien stqarr li, f'ċirkustanzi bħal dik tiegħek, min jagħmilha ta' ġifa biss jirbaħ. U veru. Min jaf kemm-il darba konna qegħdin ngħumu, rajna mewġa kbira ġejja fuqna u aħna konvinti li mħarrġa sew fl-għum, ħsibna li l-mewġa mhux se tagħtina majnata. Fil-fatt, malli waslet fuqna mhux biss tatna majnata talli ħallietna bla nifs. Kliem l-Ispirtu s-Santu jiftaħlek għajnejk: "Min jittarraf jiġġarraf".

Dan ifisser li ma tantx trid tkun ċerta wisq minnek innifsek f'ċirkustanzi bħal tiegħek, għaliex ma trid xejn li tiżloq u tieħu tisbita kbira. Tinsiex li kull min azzarda f'okkażjonijiet bħal dawn, wara dejjem reġa' bdielu. Ma tridx tissogra inkella taqa' vittma tagħha.

Barra minn hekk, naħseb li, anki kieku kellek taċċetta li tirritorna miegħu d-dar, kont tħossok bħal ħuta barra mill-ilma meta taf li qiegħda ma' raġel li ndunajt li beda jħobbok.

Il-parir tiegħi hu li tkun prudenti billi tilqa' mill-bidu, għax diġà qiegħed iber-raq. Jekk jerġa' joffrilek *"lift"*, irringrazzjah, għidlu le, u rritorna d-dar bit-trasport pubbliku. Is-sagrifiċċju li tkun għamilt jiġbrok mal-familja mill-ġdid ferħana u mhux imħawda spiritwalment u moralment. X'hemm aqwa mill-paċi fil-qalb! ❑

# Il-Knisja f'Kuba matul is-Seklu XX

minn P. Philip Cutajar ofm cap

L-EWWEL PARTI

Mat-tmiem tas-sena li għaddiet u matul din is-sena diversi għaqdiet u organizzazzjonijiet, kif ukoll diversi nazzjonijiet taw ħarsa lura lejn is-seklu XX bil-għan li jħarsu lejn l-istorja li seħħet, jitgħallmu minnha u fl-istess waqt jippjanaw għall-futur, għas-seklu ġdid li dħalna fih. Dan ma naqsitx li tagħmlu wkoll il-Knisja Kattolika speċjalment fil-preparazzjoni tagħha għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew il-Kbir. Dan għamlitu l-Knisja Kattolika fuq livell internazzjonali min-naħa tal-Vatikan, u għamlitu wkoll kull Knisja fuq livell djoċesan. Illum, f'dan l-artiklu li qed inwassal lilkom, sejjer nagħtikom ħarsa ħafifa ta' l-istorja tal-Knisja f'Kuba matul dawn l-aħħar mitt sena li għadna kemm spiċċajna. L-istorja ta' l-aħħar seklu għall-Knisja f'Kuba kienet waħda mqallba u diffiċli. Kienet storja fejn il-poplu ta' Alla għadda minn żmien ta' persekuzzjoni, żmien ta' prova u żmien ta' qtigħ il-qalb. Imma kienet ukoll storja fejn il-fidi ma naqsitx, it-tama ta' ġejjieni aħjar qatt ma għebet, il-perseveranza fl-istennija ta' żminijiet ġodda baqgħet u għadha hemm.



Nistgħu naqsmu l-istorja tal-Knisja f'Kuba, matul dawn l-aħħar mitt sena, fi tliet perijodi:

- L-ewwel perijodu jiġbor fih is-snin bejn l-1900 u l-1959. Dan huwa ż-żmien ta' qabel ir-rivoluzzjoni soċjalista f'Kuba. Nistgħu ngħidu li kien żmien fejn il-Knisja, f'ambjent ta' kalma u paċi, bniet is-sisien tagħha permezz ta' evanġelizzazzjoni sħiħa, organizzata u mifruxa.
- It-tieni perjodu jiġbor fih is-snin bejn l-1959 u l-1964. Dan huwa ż-żmien l-aktar diffiċli għall-Knisja f'Kuba għaliex huwa ż-żmien bejn il-bidu tar-rivoluzzjoni u t-tmiem tal-Konċilju Vatikan II.
- It-tielet perijodu jiġbor fih is-snin bejn l-1964 u l-2000. Dan huwa ż-żmien li nistgħu nsejħulu bħala l-perijodu taż-żerniq, il-mument ta' twelid u ta' ħajja ġdida għall-Knisja f'Kuba. Perijodu fejn il-Knisja bdiet takkwista aktar libertà. Perijodu li ngħata bidu għalih maż-żmien tal-Konċilju Vatikan II u sab il-quċċata tiegħu fiż-żjara li l-Papa għamel f'Kuba f'Jannar tas-sena 1998.



Fil-ħarġiet li jmiss nieħdu dawn it-tliet perijodi u narawhom f'aktar dettal.

# ĦATRIET ĠODDA GĦAL FR. PHILIP CUTAJAR

Fr. Philip Cutajar, saċerdot kapuċċin Malti, li qiegħed jaħdem bħala missjunarju f'Kuba bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Ana, parroċċa periferali b'popolazzjoni ta' 40.000 ruħ, nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru 2000, ġie afdat b'ministeri ġodda fuq livell djoċesan. Huwa ġie maħtur mill-Isqof tad-Djoċesi ta' Santa Klara, Mons. Arturo Gonzalez Amador, Direttur Djoċesan tal-*PASTORAL ASISTENCIAL DE LA SALUD (P.A.S.)*.

Permezz ta' dan il-ministeru ġdid b'servizz għall-Knisja, Fr. Philip qed jiġi afdat bir-responsabbiltà tal-morda u l-anzjani kollha ta' Djoċesi li tlaħħaq mal-miljun ruħ. Huwa diġà kien qed jagħmel dan ix-xogħol fuq





livell taż-żewġ parroċċi afdati f'idejn il-Kapuċċini, jiġifieri dik ta' *La Pastora* u ta' *Santa Ana*. L-Isqof xtaq li dak li qed isir mal-morda u l-anzjani fqar ta' dawn iż-żewġ parroċċi jinfirex fuq livell djoċesan. Minbarra l-kura pastorali u spiritwali, Fr. Philip qed jipprovdi wkoll għall-istess morda u anzjani fqar, għajnuniet fuq livell soċjali u providiment ta' mediċini li qed jirċievi regolarment kemm minn Malta kif ukoll minn Spanja. Bil-għan li jirrendi dan il-ministeru aktar effikaċi Fr. Philip waqqaf gruppi ta' *"Visitadores de los Enfermos"* f'kull parroċċa tad-Djoċesi. Ix-xogħol ta' dawn il-Viżitaturi Lajċi huwa li jżuru l-morda u l-anzjani fid-djar u fl-isptarijiet fuq bażi ta' darba fix-xahar u jagħtuhom l-attenzjoni pastorali, spiritwali u materjali meħtieġa. Huwa waqqaf ukoll Kummissjoni Djoċesana Ċentrali fejn il-membri tagħha huma r-responsabbli minn kull grupp ta' viżitaturi tal-morda u l-anzjani. Ix-xogħol ta' din il-Kummissjoni Djoċesana li qed tigi mwaqqfa għall-ewwel darba huwa li tikkoordina ix-xogħol ta' assistenza mal-morda u l-anzjani mifrux mad-djoċesi, tieħu ħsieb il-formazzjoni pastorali u spiritwali ta' l-istess viżitaturi u anke l-formazzjoni preparattiva u permanenti tal-Ministri Straordinarji ta' l-Ewkaristija. L-istess Kummissjoni Djoċesana, mix-xahar ta' Novembru, bdiet tippubblika fuljett ta' aħbarijiet u formazzjoni għall-morda u l-anzjani kollha tad-Djoċesi. Dan il-fuljett li ġie msejjaħ *"ALIVIO, SENOR, TU AMIGO ESTA ENFERMO"* (Faraġ, Mulej, il-ħabib tiegħek jinsab marid) ser jigi ppublikat kull xahar. Dan il-fuljett kien diġà qed jiġi ppubblikat għaż-żewġ parroċċi ta' *La Pastora* u *Santa Ana*. Imma hija x-xewqa ta' l-Isqof li l-istess fuljett jibda jiġi ppubblikat fuq livell djoċesan. Dan il-fuljett kien ta bidu għalih Fr. Francis Baldacchino, illum Isqof ta' Malindi fl-Afrika, matul is-sena li kien għamel f'Kuba, u kompla jippubblikah Fr. Philip. Fil-preżent Fr. Philip Cutajar, minbarra l-ministeri ta' Kappillan u Direttur Djoċesan tal-Kummissjoni għall-Kura Pastorali tal-Morda u Anzjani, huwa wkoll id-delegat ta' l-Isqof għall-Gruppi ta' Talb tat-Tiġdid Kariżmatiku fid-Djoċesi ta' Santa Klara, f'Kuba. Lil Fr. Philip nifirħulu u nwegħduh kemm it-talb tagħna kif ukoll kull għajnuna materjali meħtieġa speċjalment f'offerti ta' flus u mediċina bil-għan li jkun jista' jwettaq dejjem aħjar dan is-servizz tiegħu b'risq il-Knisja f'Kuba. Permezz ta' din il-kariga ġdida li Fr. Philip qed jokkupa fid-Djoċesi ta' Santa Clara huwa awtomatikament sar membru tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Assistenza Pastorali tas-Saħħa li tiddependi mill-Konferenza Episkopali Kubana. ❑



# ŻEWĠ ŻGĦAŻAGĦ JIBDEW IN-NOVIZZJAT

Nhar is-Sibt, 28 ta' Ottubru 2000, Claudio Falzon, mill-Parroċċa tat-Trinità Mqaddsa, il-Marsa, u Mario Vassallo mill-Parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa wkoll, taw bidu għas-sena tan-novizzjat fil-kunvent tal-Kalkara wara li temmew iż-żmien tal-postulandat fl-istess kunvent. Din is-sena għandha tkun għalihom sena li tgħinhom jikbru u jissaħħu fis-sejħa reliġjuza li l-Mulej qed jagħmlilhom.

Nifirħulhom u nitolbu għalihom.





## Bro. John Cassar għall-mistrieħ

Br. John Cassar wasal Malta fit-13 ta' Diċembru 2000 għall-mistrieħ wara l-ħidma missjunarja li issa ilu jwettaq fid-Djoċesi ta' Garissa, fil-Kenja, għal dawn l-aħħar tmien snin. F'dawn l-aħħar snin kien qed iwettaq il-ħidma missjunarja tiegħu f'Garissa, prinċipalment fiż-żewġ stazzjonijiet qrib, dak ta' Mororo u ta' Madogo.



Nawgurawlu mistrieħ xieraq.

## Anniversarji ta' l-Aħwa Kapuċċini

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Diċembru 2000 l-Aħwa Kapuċċini ltaqgħu fil-kunvent tal-Furjana biex flimkien jaqsmu l-ferħ tal-Milied. Il-laqgħa bdiet b'ħin ta' talb fil-knisja u wara taw l-awguri lil xulxin, u b'mod speċjali lil dawk li kellhom xi anniversarju matul is-sena 2000. Dawn kienu: Frank Delia u Herculan DeMaria: 50 sena mill-ordinazzjoni presbiterali tagħhom; Rafel Ellul u Mario Azzopardi: 50 sena mill-professjoni perpetwa; Adrian Portelli, Joe Mallia, Michael Agius, Pelagius Bilocca u Peter Paul Schembri: 50 sena mill-professjoni temporanja; Charles Cardona, Joachim Mercieca, Modest Gatt u Onorat Spiteri: 50 sena mid-dħul fin-novizzjat; Joe Libreri: 25 sena mill-professjoni perpetwa.

Lil dawn Ħutna nawgurawlhom u nitolbu għalihom sabiex il-Mulej ikompli jsawwab fihom l-Ispirtu tal-Qdusija.




## TE DEUM *minn P. Anton Briffa OFM Cap*

P. Anton Briffa, studjuż magħruf fil-qasam tal-mużika sagra, qed jagħtina biċċa xogħol mużikali minn tiegħu fejn armonizza u ssettja mużikalment l-innu liturġiku ta' tifħir, it-TE DEUM.

B'din il-pubblikazzjoni, P. Briffa qed joffri servizz lill-organisti u mużiċisti impenjati fil-funzjonijiet sagri. Dan għandu jservi sabiex wieħed isir iħobb aktar ir-repertorju ta' mużika sagra. Żgur li ser ikun ta' għajnuna lill-korijiet parrokkjali u lill-ġemgħa biex jingħaqdu flimkien fit-tifħir tagħhom lil Alla.

Dan ix-xogħol, b'24 paġna (210 x 296 mm) fih ukoll preżentazzjoni mill-Provinċjal tal-Kapuċċini, P. Crispin Tabone, kif ukoll tagħrif storiku fuq dan l-innu ta' tifħir.

Din hija pubblikazzjoni oħra tal-Provinċja Kapuċċina Maltija, u tinsab għall-bejgħ mill-kunvent tal-Kapuċċini, Floriana, u mill-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi. Prezz: Lm1.00.

INTERVISTA

minn Bro. Andrè AZZOPARDI ofm cap



# nitkellmu ma' Patri JOE GARZIA OFMCap

***X'tiftakar fuq l-ambjent ta' tfulitek?***

Jiena twelidt fis-16 ta' Settembru, 1930, f'Ħaż-Żabbar. Ta' ħames snin bdejt nattendi l-iskola tal-Gvern f'Ħaż-Żabbar. Kont immur il-Museum kuljum u kont immur ferħan! Kont inħossni milqugħ bis-sinċerità u bl-imħabba.

Fil-11 ta' Ġunju, 1940, bdiet it-tieni gwerra dinjija għalina l-Maltin. Hawn il-ħajja tagħna tbiddlet minn jum għal lejl. L-għada, missieri qalilna biex insorru ħwejjiġna u tlaqna bil-mixi mgħobbijin lejn il-Bidni, li jiġi fuq ir-riħ ta' Wied il-Għajn. Iżda hemm kien hemm fortizza fil-qrib u konna fil-periklu. Allura missieri ddeċieda li mmorru l-Mellieħa għal ftit jiem u mbagħad tlaqna lejn Għawdex.

Hawn dħalt abbati l-Katidral ta' Għawdex. L-użanza kienet li fil-Katidral l-abbatini jkunu sitta biss. Bħala abbatini fil-Katidral kellna ħafna privileġġi: nattendu s-Seminarju bla ħlas, u anke jagħtuna l-kotba b'xejn. Kellna wkoll lira u nofs stipendju fix-xahar, barra l-pedaġġi tal-funerali u attivitajiet oħra. Domna tliet snin Għawdex.

Fl-aħħar ta' l-1943 erġajna lura lejn Malta għax il-gwerra bdiet tikkalma. Wara ftit taż-żmien dħalt is-Seminarju ta' Malta li dak iż-żmien kien Ħal-Qormi minħabba li dak tal-Furjana ġarrab ħafna ħsarat fil-gwerra.

Darba ltqajt ma' P. Lawrenz Ceci, Kapuċċin u qalli: "Għax ma tidħolx magħna?" Dak il-ħin qalbi għamlet tikk! Meta mort id-dar għedt 'l ommi u qaltli: "Ibni, inti taf, itlob u ħu parir." Niftakar kont mort inkellem Patri tal-Kapuċċini tal-Kalkara u fuq il-parir tiegħu u tas-superjur tal Museum, Ġużeppi Vella, qlibt mis-Seminarju għall-Iskola Serafika tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana.

***Meta bdejt il-ħajja reliġjuża?***

Fil-21 ta' Novembru, 1947, jiena, flimkien ma' ħdax oħra, morna fil-kunvent ta' Għawdex biex nagħtu bidu għall-ħajja reliġjuża bħala Franġiskani Kapuċċini. Wara ġimgħa rtir kellna l-vestizzjoni fit-30 ta' Novembru.

Peress li warajna ma kienx hemm żgħażagħ biex jidħlu n-novizzjat, aħna domna hemm għal kważi sentejn. Nixtieq insemmi li matul l-aħħar tliet xhur ta' 1949 kelli x-xorti li ndaħħal l-elettriku fil-kunvent ta' Għawdex fejn kien għadu qatt ma kien hemm. Meta spiċċajna minn Għawdex ġejna Malta fil-kunvent tal-Kalkara fejn komplejna l-Letteratura u wara bdejna l-Filosofija.

Jiena ġejt ordnat saċerdot fl-20 ta' Settembru 1956. Fl-10 ta' Ottubru ta' l-istess sena bagħtuni nistudja Ruma. Wara tliet snin fl-Università Gregoriana, fejn studjajt it-Teoloġija Dommatika u l-Axxetika, komplejt sentejn oħra fl-Università tal-Lateran biex speċjalizzajt fit-Teoloġija Pastorali. Fl-aħħar ta' dawn il-ħames snin f'Ruma ksibt id-Dottorat fit-Teoloġija Dommatika, Diploma fl-Axxetika u Liċenzja biex nista' ngħallem it-Teoloġija Pastorali.

Wara li ġejt lura Malta, bdejt ngħallem it-Teoloġija lill-kjeriċi tagħna fil-kunvent tal-Furjana. Kont ngħallem ukoll it-Taljan u l-Latin fl-Iskola Serafika li tagħha kont ukoll direttur spiritwali u direttur tal-vokazzjonijiet. Fl-1965 bagħtuni l-Marsa, it-Trinità, bħala kappillan.

F'Settembru ta' l-1968 mort il-Kanada bħala sena sabbatika. Kont fil-kunvent-parroċċa tagħna l-Kapuċċini ta' *St. Philip Neri*, f'Toronto. Wara ftit li kont ili hemm, erġajt sibt ruħi kappillan u gwardjan f'din l-istess parroċċa. Wara sitt snin ġejt lura Malta f'Mejju ta' l-1975, u f'Ottubru bdejt ngħallem fil-Kulleġġ De La Salle, fil-Cottonera. Hawn kont ngħallem ir-reliġjon liż-żgħażagħ u nippreparahom għall-eżamijiet ta' 'O' u 'A' levels. Għal diversi snin kont *Head of Religion Department*. Barra mit-tagħlim, kont norganizza wkoll attivitajiet pastorali għall-għalliema u l-istudenti. Meta nħares lura lejn dawn l-għoxrin sena, inħossni li għandi nżżi ħajr lill-Mulej għal dawn il-ħafna grazzji li tani. Waqaft ngħallem l-iskola u bdejt ir-riċerka.

Fl-1995 waqaft mill iskola u bdejt naqdi d dmiri pastorali fil-kunvent tal-Kalkara.

*Ikompli f'paġna 25 ...*

# Ċikkulata fid-Dgħajsa ta' Ġesù

minn Mary HABER ofs

Franġisk u Konsolata, il-ġenituri ta' *Ċikkulata* kienu jħobbu lil binhom daqs l-aqwa ġenituri. Lata kienet iżżommu nadif xummiema lil binha, u missieru kien b'seba' għajnejn fuqu li ma jfettillux jagħmillu xi waħda u jkorrilu. Għalhekk kien ta' serħan għall-ġenituri meta t-tifel beda jmur l-iskola tal-*kindergarten*; l-iktar il-missier, li issa ma kienx ikollu kull darba jitlaq ix-xogħol minn idejh biex jittawwal lil ibnu. Lata kienet twasslu l-iskola u tmur biex iġġibu lura kuljum. Ukoll is-soru kienet tħobbu wisq lit-tifel għax kien qisu anġlu għall-ħlewwa tiegħu ... u intelliġenti wkoll. *Ċikkulata* kien ġmielu qiegħed jitgħallem isaqsi u jerġa' jsaqsi lis-soru fuq xi storja li kienet tgħidilhom, u hija, bis-sabar kollu, kienet twieġeb u tipprova tfiehmu kif taf li tifel żgħir jista' jifhem, dak li tkun xtaqet tfissrilhom.



Mela darba, dik l-imbierka soru fettlilha tgħidilhom il-ġrajja tal-maltempata tal-baħar tal-Galilija: meta l-Appostli kienu se jegħrqu, waqt li Ġesù baqa' rieqed; u ċ-ċanfira li Ġesù ta lil ħbiebu li ma emmnux fih. *Ċikkulata* għolla sebgħu. "Għidli" qaltlu s-soru. "Kieku kont magħhom jien, tafx x'kont nagħmel?" - "Eh?" wieġbet dik - "Kont ninżel ħdejh, inqiegħed rasi fuq l-imħadda tiegħu u norqod ħdejh, bħalu; u jekk negħrqu, nergħqu flimkien!" Għal dan il-kliem, it-tfal kollha nfaqgħu jidħku; imma s-soru qabżilha d-dmugħ, għax fehmet x'ruħ safja Alla telqilha f'idejha, minkejja l-imqarbezza tiegħu, dak in-nitfa ta' tifel!

Issa, f'nofs in-nhar, it-tfal kienu jitniżżlu jieklu dak li jġibu magħhom fir-refettorju; u wara joħorġu jilagħbu fil-bitħa magħluqa tar-refettorju stess. *Ċikkulata*, barra l-ikel li kienet tagħtih ommu, dejjem kien jieħu fil-basket dik id-dgħajsa żgħira tal-plastik li kien jilgħab biha fil-ġnien tal-kunvent; u wara li jiekol u jaħsel idejh, kien jedha jilgħab biha fil-ħawt tar-refettorju. Imma dak inhar *Ċikkulata* moħħu kien f'dik il-maltempata li kienet qaltilhom is-soru, u ma satax iniżżilha kif setgħu beżgħu dawk il-ħbieb ta' Ġesù la hu kien magħhom - imqar jekk kien rieqed fid-dgħajsa. Tant intilef jaħseb, li ma ntebaħx li sħabu kienu reġgħu lura fil-klassi. Meta sab ruħu waħdu, qisu ħabat jibża' f'dak ir-refettorju hekk kbir! Iżda f'daqqa, daħal tifel sabiħ, kien liebes l-abjad. *Ċikkulata* għarfu mill-ewwel għax fuq is-sodda tiegħu kellu inkwatru ta' Ġesù liebes l-abjad u kien jixbhu ħafna! Ġesù resaq lejh u qallu: "Ċikku, ejja miegħi dawra fid-dgħajsa!" Ġesù u Ċikku, id f'id, ħarġu barra, niżlu x-xtajta u rikbu d-dgħajsa żgħira ta' Ġesù; qagħdu bilqiegħda t-tnejn ħdejn xulxin fuq biċċa injama żgħira f'nofs id-dgħajsa! Filwaqt, id-dgħajsa, qisha mbuttata minn idejn li ma jidhrux, bdiet ħierġa bil-ħlewwa mill-port 'il barra, 'il barra; sakemm ma dehritx iktar art! Imma kif kienu f'nofs ta' baħar, f'dik id-daqsxejn ta' dgħajsa, il-baħar beda jobrom u jgħollihom hekk li kull ħin sthajjel li se jidfinha fil-qiegħ bit tfal b'kollox. Ukoll ir riħ kiesaħ beda jonfoħ b'saħħa kbira, u jdawwar bħal żugraga dik in-nitfa ta' dgħajsa. *Ċikkulata* beda jħoss il-bard. Iċ-ċkejken Ġesù għattieh bil-mantar tiegħu, geddsu miegħu, u qiegħed idejh fuq spalltu. *Ċikkulata*, imkennen hekk minn Ġesù, xejn ma kkonfonda mir-raxx tal-baħar, intrass iżjed ma' Ġesù, qiegħed rasu fuq spalltu, u raqad qisu ma hu qiegħed jiġri xejn!

Meta sar il-ħin biex it-tfal imorru d-dar, Konsolata bħas-soltu marret biex iġġib lil binha mill-iskola; iżda meta rat li t-tfal ħarġu kollha u binha kien għadu ma

ħariġx, inkwetat. Staqsiet lis-soru: "Ċikku fejn hu?" - "Ħareġ mat-tfal, ma rajtux?" - "Le taf, ma ħariġx!" - "Kif le, ħalli mmur sal-klassi nara baqax hemm!" Is-soru marret u ġiet lura f'nifs: "Ma hux hemm, tafx, bilfors li ħareġ u ma rajtux!" - "U mela le!" wieġbet l-omm. "Lanqas jilħaq jarani li ma jiġix jiġri jbusni! Qiegħda ngħidlek, ma ħariġtx! Ilni hawn nistennieh qabel ftaħtu l-bieb! Ara, ċempel daqsxejn lill-Patrijiet, forsi jiġi missieru; għax naħseb li ġralu xi ħaġa dak it-tifel!"

Is-soru għamlet kif qalet l-omm. Bla telf ta' żmien, Franġisk kien l-iskola, sab lil martu tibki f'paniku kbir. "Għalfejn qiegħda tibki? It-tifel hawn irid ikun, minn imkien ma jista' joħroġ, jekk mhux minn dan il-bieb!" Imbagħad Franġisk staqsa lis-soru: "Sor, fejn rajtu l-aħħar lil Ċikku?" Għal dan il-kliem, is-soru tat daqqa fuq moħħha: "Hi! Naħseb naf fejn qiegħed! F'nofs inhar rajtu fir-refettorju, jilgħab bid-dgħajsa fil-ħawt żgħir fejn jaħslu idejhom it-tfal; kien hekk medhi jilgħab li lanqas ħares lejja, u qiegħda niftakar lanqas fil-klassi ma rajtu, u ħsibt li forsi mar ..."

Bla telf ta' żmien, it-tlieta li kienu, niżlu fir-refettorju. U hemm kien tassew *Ċikkulata* - imgezzez f'rokna ta' bank żgħir, f'raqda ta' mistrieħ, iross miegħu dik id-dgħajsa żgħira tal-plastic! It-tlieta li kienu ħadu r-ruħ. Huma fehmu li t-tifel għeja u raqad hemm isfel bla ma ħadd intebaħ bih! Il-missier resaq lejh bil-mod biex ma jaħsdux u bid-dmugħ f'għajnejh beda jsejjaħlu minn taħt l-ilsien: "Ċikku, Ċikku, qum ruħi biex immorru d-dar." *Ċikkulata* fetaħ għajnejh, stagħġeb jara l-ġenituri u s-soru quddiemu, u staqsa: "U Ġesù, fejn hu Ġesù?" - "Ġesù?" staqsew mistagħġba t-tlieta flimkien. "Iva, Ġesù ta' l-inkwatru ta' fuq is-sodda tiegħi, dak li għandu d-dinja żgħira f'idu, qisha ballun! Hu ġie għalija u ħadni miegħu fid-dgħajsa żgħira tiegħu, u qam ħafna maltemp! Imma jien bravu tafx, ma bżajtx, trekkint ma' Ġesù u hu għannaqni miegħu, u għattieni bil-mantar tiegħu. Jien qegħedt rasi fuq spalltu, u ħallejtu jħabbat kemm irid il-baħar!"

Il-kbar ħarsu mistagħġba lejn xulxin, intebħu li *Ċikkulata* kellu ħolma tassew sabiħa, iżda l-akbar li fehmet kienet is-soru li kellha toqgħod iżjed attenta liema stejjer tagħżel biex tgħidhom lit-tfal żgħar!

Franġisk rafa' lil ibnu fuq spallejh, u flimkien ma' Lata, marru d-dar, ferħana li wkoll din il-praspura ntemmet b'wiċċ il-ġid!

---

## nitkellmu ma'
## P. Joe Garzia OFM Cap.

*... Ikompli minn paġna 23*

Fil-ħin liberu tiegħi bdejt nagħmel riċerka biex nikteb l-istorja tal-kunvent tal-Kalkara fuq dokumenti ta' żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann u oħrajn. Matul din ir-riċerka sibt minjiera ta' informazzjoni fuqna l-Kapuċċini, per eżempju fuq is-sehem li kellu l-kunvent tal-Kalkara li ġie mibdul f'fortizza matul is-sentejn tal-ħakma Franċiża.

***Int ukoll assistent spiritwali ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari. Kif tħares lejh dan l-Ordni?***

Ili f'din il-kariga għal 19-il sena. Meta s-superjuri afdawli din ir-responssabbiltà, ħadtha bis-serjetà u bdejt noġġorna ruħi fuq dan l-Ordni li ġie mwaqqaf minn Missierna San Franġisk, bħalma ġew imwaqqfa t-tnejn l-oħra. L-Ordni Franġiskan huwa 'immankat' kull fejn ma hemmx l-Ordni Franġiskan Sekulari. Dan qaluh l-erba' Ministri Ġenerali ta' l-Ordni Franġiskan meta ħarġu dokument flimkien fuq l-Ordni Franġiskan Sekulari biex juru kemm dan huwa għal qalbhom.

***X'inhu l-ideal Franġiskan għalik?***

Li ngħix l-Evanġelju b'mod radikali, jiġifieri li nadatta lili nnifsi għall-Evanġelju u mhux nadatta l-Evanġelju kif jaqbel lili. Dan, Missierna San Franġisk saħaq bis-sħiħ fuqu meta qalilna li l-Evanġelju għandna nosservawh mingħajr interpretazzjonijiet kif jaqbel lilna. L-ideal Franġiskan huwa wkoll li l-Franġiskan għandu jkun *"il frate del popolo"*, li jaħdem u jkun ħabib tal-morda, tal-ħabsin u ta' dawk li s-soċjetà tagħlaq għajnejha għalihom.

Żgur li San Franġisk ma kellux f'moħħu li jwaqqaf tliet Ordnijiet organizzati kif inhuma llum. Iżda sempliċement l-osservanza sinċiera ta' l-Evanġelju minn kulħadd. Is-sempliċità ta' San Franġisk hija l-akbar karatteristika tiegħu.

**Ġeddidtu l-Abbonament tiegħek fid-Dawl Franġiskan?**

# TISLIBA 10

minn P. Wistin ATTARD ofm cap



1. Libsithom ma' l-għekiesi. (Ġdt 10, 4) (5)
2. Ejjew ... kontra tiegħu. (Għabd 1) (6)
3. ... ma mxejtu. (Għerf 6, 4) (5)
4. Kellu n-nar fih. (Ġer 36, 23) (5)
5. Fit-tlieta ta' dan ix-xahar. (Esd 6, 15) (4)
6. Mhux b'korla biss. (Mik 5, 14) (5)
7. Fuq il-qiegħa tiegħu. (2 Kron 3, 1) (5)
8. Talbu lil dan iġib il-ktieb. (Neħ 8, 1) (5)
9. Bnieha Semed ma' Lod. (1 Kron 8, 12) (3)
10. Dawn jgħammru fuq il-għoljiet. (Num 13, 29) (7)
11. u 12. Wiċċ kulħadd *safrani*. (Naħ 2, 11) (6)
13. Nibgħat lil dan jew lil Tikiku. (Tit 3, 12) (6)
14. Xettlulhom dwieli. (Għam 5, 11) (5)
15. Missier Abraham. (Ġoż 24, 2) (5)
16. Bħalma titqatta' din. (Mħ 16, 9) (5)
17. ... l-qrun ta' gendus (Dt 33, 17) (5)
18. *Saħħaħt* qalbi. (Film 7) (7)
19. Xtieli tal-.... (Sir 24, 14) (4)
20. Bniet fortizza għaliha. (Żak 9, 3) (3)
21. *Sinjal* ta' l-imsiemer. (Ġw 20, 25) (5)
22. Qiegħed fuq din in-naħa t'Alla. (1 Pt 3, 22) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' NOVEMBRU:***

*1. Middu; 2. Fjamma; 3. Dmija; 4. Aħbar; 5. Tfal; 6. Saqqa; 7. Injam; 8. Ħofra; 9. Dam; 10. Jċaqlaq; 11 u 12. Jaħtfu; 13. Fuħħar; 14. Gżira; 15. Tubal; 16. Rampa; 17. Btieti; 18. Żebbuġa; 19. Biki; 20. Ħut; 21. Rokna; 22. Platt.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibgħatu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija: Mrs. Mary Helen Xuereb - Gżira**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).**



# LILL-MISSJUNARJU

**mill-Kan. Nikol Vella Apap li ngħaqad mal-Mulej fis-16 ta' Novembru 2000 fl-għomor ta' 70 sena**

*B'apprezzament ta' l-imħabba li kellu lejn il-missjoni*

Int tlaqt minn artek kmieni
Għax xtaqt twassal l-aħbar
Lil nies ta' twemmin ieħor
'l bogħod mill ħbicb u d dar.

Il-ġamar l' ommok kebbset
Ġo qalbek tul is-snin,
Fil-bidu tat-tfulija
Bla waqfa xegħel f'kull ħin.

U s-sejħa fl-aħħar waslet
L'int titlaq, l'inti tmur,
Ħerqan narak bil-bosta,
Bil-ferħ qalbek se tfur.

U tlaqt bla taf fejn sejjer,
Qalb l-għorba, l-barranin,
F'imkejjen bogħod minn darek,
Minn kollox imċaħħdin.

Għax xtaqt tassew tkun inti
Għalihom tarka u sur,
Ħa ttaffi l-għera u l-faqar
Ta' poplu tant magħdur.

Mal-wasla tiegħek fosthom
Kull riħ ħabat għalik,
'Ma bqajt tul triqtek sejjer
Għax l-emmna ħassilt fik.

Għalxejn qamu l-irwiefen,
Għalxejn ħabtu l-irjieħ,
Għalxejn tax-xemx il-qilla
Dirset 'il-qalb mill-qiegħ.

Għax int kont spiss tismagħha
Il-karba tal-miġruħ,
U 'l qalbek bħal b'sejf tinfed
Il-weġgħa tal-muġugħ.

U xhud kont bosta drabi
Ta' min jorqod bil-ġuħ,
Bla tama li jum jisbaħ
Li jieħu ftit tar-ruħ.

U hawn qattajt int ħajtek
F'dal-wied ta' biki, dmugħ,
F'widnejk il-krib kont tisma'
Minn ħadd u qatt mismugħ.

Iżd'int imxejt fuq l-amar
Li qallek il-Mulej,
Il-bxara lill-ġnus twassal
Il-lum u għaż-żmien li ġej.

Għax taħt is-sħab sewdieni
Li jnissel hemm fil-qlub,
Ix-xemx bl-imrieżaq tagħha
Lis-silġ għad tħoll u ddub.

*Ottubru 1951*

# Tixtieq tinnamra miegħu?

*minn Fr. Joe GIULIANO OFMCap*

Il-ġrajja ta' kull vokazzjoni, kemm dik nisranija u kemm dik għall-ħajja kkonsagrata, hija ġrajja ta' namur, għerusija, li tispiċċa f'festa ta' tieġ. Jekk Alla ħalaq fina din il-kapaċità li ninnamraw u nidħlu f'intimità ma' xulxin, ma taħsibx li huwa mhux kapaċi jinnamra? U kif, ukoll!

Kull vokazzjoni hija taħdita ta' mħabba, iżda dan id-djalogu jibdieh dejjem Alla, bil-konsegwenza li huwa jkun dejjem fuq ix-xwiek biex jirċievi tweġiba minna l-bnedmin. Din l-inizjattiva ta' Alla nsibuha ċara fl-Evanġelju ta' San Mark: "Ġesù tela' fuq l-għoljiet, u sejjaħ ħdejh dawk li ried, u huma resqu lejh" (Mk 3,13). Huwa l-intervent ħieles ta' Alla li jsejjaħ lil min irid mingħajr ħadd ma jkun ġiegħlu jew talbu. Hekk ukoll insibu f'Ġeremija: "Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek, qabel ma ħriġt minn ħdan ommok ikkonsagrajtek; jien qegħedtek profeta fuq il-ġnus" (Ġer. 1, 4-5). Għalhekk il-vokazzjoni hija rigal ta' Alla; hija wkoll grazzja, u grazzja tfisser komunikazzjoni, u għalhekk Alla, permezz tal-vokazzjoni, jinforma lil min irid, li jixtieq jidħol flimkien magħhom f'patt ta' mħabba, l-istess bħalma ġuvni li jieħu grazzja ma' tfajla jistedinha biex tibda toħroġ miegħu u għalhekk jidħol f'patt ta' mħabba u jibdew jinnamraw flimkien. Hekk jagħmel Alla meta jaħsel jinnamra ma' xi ħadd: jistiednu biex jidħol jew tidħol f'għerusija miegħu!

Konsegwenza naturali ta' din l-istedina b'xejn li jagħmel Alla lil xi ħadd li jrid, hija li qalb dawk kollha li jħossu ruħhom imsejħa, timtela bi gratitudni liema bħalha, għax jafu li din l-istedina ma kenitx xi dritt tagħhom, iżda hija pjaċir assolut min-naħa ta' Alla. Kien għalhekk li Marija nfexxet f'għanja ta' tifħir u marret u qalet: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej ...", għax għarfet li dak li seħħ fiha kien kollu favur ta' Alla. Li għamlet Marija kien li emmnet, u qabel ma fethet gufha għal Ġesù fethet qalbha kollha għal Alla - u għalhekk Marija hija kbira!

Għalhekk jekk tħoss li inti wkoll imsejjaħ, ħaġa waħda nista' ngħidlek: kemm int iffurtunat



- għax Alla jkun ħares lejk b'ħarsa ta' mħabba partikulari, jiġifieri jkun ħa grazzja miegħek biex tkun iddedikat lilu! U ngħidha kif inhi: huwa jibqa' jiġri warajk u ma joqgħodx kwiet qabel tgħidlu iva, u anke jekk tagħtih bis-sieq! Min tassew iħobb jibqa' jittama u jistenna sa l-aħħar: hekk jagħmel miegħek il-Mulej!

Trid tinnamra miegħu?

***Jekk trid tkun taf aktar dwar il-ħajja u l-ħidma ta' l-Aħwa Kapuċċini, ċempel lil Fr. Joe Giulian0 fuq 825724.***

*F'isem il-Bord Editorjali ta'*
*DAWL FRANĠISKAN*
*nawguraw l-isbaħ xewqat għal*

# *SENA ĠDIDA*

*mimlija b'kull*
*PAĊI u ĠID*
*fil-Mulej.*
*Ikun rigal sabiħ*
*lil Ħutna l-Insara Kenjani,*
*li għal din is-sena nżidu fil-*
*BOROŻ TA' STUDJU ...*

BORŻA TA' STUDJU hija offert ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is seminaristi Kenjani tagħna kollha l qegħdin jistudjaw. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn divers benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista tingħata anki ftit ftit.
Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża / saċerdotali tal Kapuċċini Kenjani.

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil
Fr. Joe Alessandro,
Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana
Tel: 233874 / 234949 / 225525



DAWL FRANĠISKAN

## *Ġeddidtu l-Abbonament tiegħek għal din is-sena?*

Jekk le, ibgħat Lm4
flimkien ma' l-isem
u l-indirizz tiegħek lil:

*Dawl Franġiskan*
*Kunvent tal-Kapuċċini*
*Floriana - VLT 14*

***B'hekk tkun qed tgħin lill-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin***